**Kulleġġ San Tumas More**

Skejjel Primarji

Eżami ta' Nofs is-Sena

**MALTI (Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)**

**Il-Ħames Sena** **Frar 2015** **Ħin: Siegħa u Kwart**

**L-isem u l-Kunjom: ________________________ Il-Klassi: ______________**

| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-Marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-Marki tal-Istudent/a | |

**Aqra sew dan li ġej:**

- **Ikteb ismek, kunjomok u l-isem tal-klassi.**
- **Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.**
- **Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.**
- **Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.**
- **Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

## IL-FEHIM MILL-QARI

**A. Aqra dan l-avviż fuq wirja tal-qtates li se tiġi organizzata dalwaqt u li qed tiġi reklamata fuq il-gazzetta "Il-Ħbieb Tagħna"**

# WIRJA INTERNAZZJONALI TAL-QTATES

## Ejjew araw l-isbaħ qtates tad-dinja!

Kollox se jsir fis-Sala Parrokkjali ta' Ħal Tmiem nhar is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Marzu 2015.



Dħul € 1 biss u l-qligħ se jmur għall-Għaqda Annimali Abbandunati

Ħinijiet tal-Ftuħ
Is-Sibt mit-8.30 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija.
Il-Ħadd mit-8 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt.**

Aqta sing taħt it-tweġiba t-tajba **(3 marki)**

1. **Dan l-avviż huwa:**
   a. riklam
   b. riċetta
   ċ. artiklu tal-gazzetta

2. **Din il-wirja se ssir**
   a. fis-Sala tal-Iskola
   b. fis-Sala Parrokkjali
   ċ. fis-Sala Parlamentari

3. **Il-wirja se tkun miftuħa**
   a. għal jumejn
   b. għal ġimgħa
   c. għal tlett ijiem

4. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **VERU** jew **FALZ** **(3 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Il-qtates li tista' tara fil-wirja ġejjin minn Malta biss. | |
| b. | Wieħed jista' jżur din il-wirja s-Sibt u l-Ħadd. | |
| ċ. | Il-wirja tagħlaq fis-sitta ta' filgħaxija. | |

5. Agħti l-isem tal-gazzetta fejn deher dan l-avviż. **(marka)**

______________________________________________________

6. Imla l-vojt bil-kliem it-tajjeb**.** **(3 marki)**

L-isbaħ qtates tad- ________________ tistgħu tarawhom f'wirja li se tittella' f'Marzu li ġej. Il-_________________ tad-dħul huwa ta' € 1 u l-____________ ser imur għall-Għaqda Annimali Abbandunati.

**B. Aqra l-istorja ‘Il-Papra u l-Għadira Ffriżata’**

(Meħuda minn **BLA RAĠUNI ... IMMA JIRRAĠUNAW**, It-Tieni Volum, ta’ Anton Saliba)

Il-papri l-hena tagħhom li jċafċfu fl-ilma. X’ħin iqumu, ikun x’ħin ikun, l-ewwel ħaġa li jagħmlu hi li jmorru jgħumu. Mela ħarġet ġurnata kiesħa kif taf tagħti x-xitwa qalila u l-papra qalet: “Illum mhux l-għadira nfittex imma post sħun biex ma niksaħx u mmut.” (par.1)

**Din hekk għamlet** u rnexxielha ssib siġra xiħa. **Din tant kienet mgħobbija** bl-għomor li l-friegħi ddendlulha sal-art. Għall-papra ħabat tajjeb għax daħlet taħtha u kif sabet il-weraq u ħaxix niexef qalet: “Il-kamra tal-irqad se tkun taħt is-siġra, bl-art is-sodda u l-weraq u l-ħaxix niexef friexi.” (par.2)



Il-papra tgeddset taħt il-weraq u l-ħaxix u raqdet fis-sħana tagħhom. Hija ħolmot li sabet ruħha f’post sabiħ u mimli b’ikel kemm trid. Id-difett li kellu kien l-ilma, lanqas kemm taqta’ l-għatx, ma kienx fih. Din il-ħaġa tant dejqitha li qabdet titqalleb u ħabtet maz-zokk prinċipali tas-siġra. **Mal-ħabta stenbħet** u sabet li kienet ħolma u qalet: “X’ħolma kerha kelli! Qed nieħu gost li qomt!” (par.3)

Il-papra li kienet għadha għajjiena, daħħlet rasha bejn ġwenħajha u raqdet mill-ġdid. Għajnha mank laħqet marret biha li ma ħolmotx li qiegħda fuq ir-riħ ta’ għadira bl-ilma. Hi ppruvat ittir imma l-ġwienaħ ma ċċaqalqux. Għalhekk imxiet mal-ħitan li kienu jdawru l-għadira biex tidħol fl-ilma. Wara ħafna mixi bla ebda konklużjoni, qalet: “Kif jista’ jkun li ma hawnx daħla għal ġol-għadira!” (par.4)

Il-papra ma qatgħetx qalbha u **għamlet tentattivi oħra**. Fl-aħħar **ħasset il-ġwienaħ jirrispondu** u qallet: “Se jirnexxili nintefa’ nċafċaf fl-għadira.” Kif qalet hekk, perpret ġwenħajha u dawn ħabtu mal-friegħi tas-siġra. Il-papra qamet u qalet: “Kemm hu sewwa min ma joħlom qatt!” (par. 5)

Il-papra kieku ppruvat terġa’ tongħos imma ngħas ma ġihiex. Għalhekk, kif deher l-ewwel raġġ taż-żerniq, ħarġet u rħitilha għall-għadira. Hija mxiet fuq li mxiet tant li għejiet, waqfet u qalet: “Jien mhux soltu nimxi daqshekk biex nasal. Ma nagħmlux li bdilt it-triq jew intlift!” (par. 6)

Il-papra ftakret li l-mistoqsija hija oħt il-għerf. Għalhekk resqet ħdejn siġra u **staqsietha**: "Sinjura siġra, tista' tgħidli fejn insib l-għadira?!" "Sinjura papra, illum m'intix tgħum fl-ilma tal-għadira, imma miexja fuqu," irrispondiet is-siġra.

(par. 7)

"Inti taf x'inti tgħid?!" staqsietha l-papra. "Sinjorina, mela m'intix f'dinja?" qaltilha s-siġra. "Il-ksieħ ta' Ibieraħ u ta' dan il-lejl iffriża l-ilma u sar silġ."

(par. 8)

"Jgħidu li l-ġurnata minn filgħodu turik hix ġejja tajba jew ħazina," lissnet il-papra bid-dmugħ f'għajnejha, "u tiegħi minn billejl bdiet turini." Il-papra telqet għal għonq it-triq biex forsi jirnexxilha ssib is-siġra x-xiħa. (par. 9)

*   *   *



**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1.Għalfejn il-papra marret issib kenn taħt is-siġra? **(marka)**

________________________________________

________________________________________

2. Għaliex il-friegħi tas-siġra xiħa kienu ddendlu sal-art? **(2 marki)**

________________________________________

________________________________________

3. X'għamlet il-papra wara li daħlet taħt is-siġra u tgeddset taħt il-weraq u l-ħaxix? **(marka)**

________________________________________

________________________________________

4. Kemm-il darba ħolmot il-papra? **(marka)**

________________________________________

5. X'kellu nieqes il-post sabiħ li ħolmot bih il-papra fl-ewwel ħolma? **(marka)**

________________________________________

________________________________________

6. Uri x'ġara:

i. meta l-papra bdiet titqalleb waqt l-ewwel ħolma. **(2 marki)**

______________________________________________________________

ii. meta l-papra ferfret ġwenħajha waqt il-ħolma ta' wara. **(2 marki)**

______________________________________________________________

7. Wara li ma setgħetx terġa' torqod, x'ħin telqet il-papra biex tfittex l-għadira?

**(2 marki)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

8. Il-papra damet biex tasal ħdejn l-għadira. X'ħasbet li kien ġara? **(2 marki)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

9. X'kien ġara lill-ilma tal-għadira? **(marka)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

10. Mill-istorja li għadek kif qrajt, sib il-kelma jew l-idjoma li għandha din it-tifsira:

**(3 marki)**

i. iddur minn hemm għal hawn = ______________________________

ii. ma ċedietx = ______________________________

iii. wieġbet = ______________________________

11. Għal liema raġuni taħseb li l-papra reġgħet marret tfittex lis-siġra x-xiħa?

**(2 marki)**

______________________________________________________________

## IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA

**1. Aqra din l-istorja qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Mark kien qiegħed fil-pjazza tar-raħal meta f'daqqa waħda ra karozza sportiva tgħaddi b'veloċitá qawwija u tolqot lil waħda mara anzjana. Ix-xufier traskurat beża' u saq mingħajr ma ra f'liema stat kienet tinsab dik il-mara. B'xorti tajba, Mark kellu l-mowbajl fuqu u ċempel għall-ambulanza.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mill-istorja sib u ikteb **nom propju**. | |
| b. | Mill-istorja sib u ikteb **nom komuni**. | |
| ċ | Mill-istorja sib u ikteb **aġġettiv**. | |
| d. | Mill-istorja sib u ikteb **verb li qiegħed fil-mamma**. | |

**(marka ×4)**

2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Agħti **l-plural** tal-kelma **xufier**. | |
| b. | Agħti **l-maskil** tal-kelma **anzjana**. | |
| ċ. | **Daħħal ħ jew h**. Sewqan b'veloċità qawwija jwassal f'inċidenti koro__. | koro__ |
| d. | Agħti **l-imperfett (preżent)** tal-verb **ra**. | |
| e. | Agħti **l-perfett (passat)** tal-verb **tolqot**. | |
| f. | Aqleb għan-**negattiv**.<br>Mark **ċempel** għall-ambulanza. | |

**(marka ×6)**



**IL-KITBA L-QASIRA**

**B. L-INTERVISTA**

**Ikteb tliet mistoqsijiet li tixtieq tistaqsi lil dan l-awtur famuż tal-kotba tat-tfal.**

Eżempju: **Minn dejjem xtaqt issir kittieb?**

a. ____________________________________________________________

b. ____________________________________________________________

ċ. ____________________________________________________________

**(marka ×3)**



**IL-KITBA T-TWILA**

**Ċ. Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 100 u 150 kelma fuqha.**

**1. Ġurnata ħdejn il-baħar.**



Kien jum sabiħ fi tmiem il-ġimgħa u l-familja tiegħek iddeċidew li jmorru ġurnata ħdejn il-baħar

*Fejn mortu?*

*X'ħadtu magħkom?*

*Ħadtu ħsieb l-ambjent?*

*Kien jum interessanti?*

*Għaliex?*

JEW



**2. Ħarġa ma' tal-Iskola**

L-għalliem ippjana ħarġa għalina t-tfal tal-klassi.

*Fejn żortu?*

*Ġew klassijiet oħra magħkom?*

*Ħadt gost?*

*X'tgħallimt minn din il-ħarġa?*

**Ċ.1 Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.**

**Storja __________ (Ikteb 1 *jew* 2)**

**(2 marki)**

**Ċ.2 Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt. (15-il marka)**

**L-istorja għandha tkun bejn 100 u 150 KELMA. Aqsam il-kitba tiegħek f'PARAGRAFI.**

- Tmiem il-Karta -